MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2011

Numru. 846/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Nikolai Sant**

**vs**

**Hector Camilleri**
**Morris Captur**
**Martin Farrugia**
**Giuseppe Fenech**
**Nicola Micallef**
**Marco Borg**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Hector Camilleri ta' 51 sena, iben Edward u Ninette nee' Cachia, mwieled Floriana, nhar il-05 ta' Gunju 1958 u residenti 19, 'Honeylane', Triq S. Taylor

Coleridge, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 388358(M) u Morris Captur ta’ 83 sena, iben Luigi u Mary nee’ Bonello, imwieled Sliema, nhar is-07 ta’ Awwissu 1926 u residenti Mediterrenean Court , Flat 10, ix-Xatt ta’ Tigne’ Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ numru 525926(M) u Martin Farrugia ta’ 48 sena, iben Joseph Mary u Elfrida nee’ Micallef imwieled Sliema, nhar it-03 ta’ Settembru 1960 u residenti 17, Triq tas-Sliema, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita’ numru 599760(M) u Giuseppe Fenech ta’ 75 sena, iben Francesco u Speranza nee’ Buhagiar, imwieled Mosta, nhar id-29 ta’ Novembru 1933 u residenti 7, ‘Casa Fenech’ Misrah tat-Trasfigurazzjoni,Lija u detentur tal-karta tal-identita’ numru 815133(M) u Nicola Micallef ta’ 59 sena, iben Giovanni u Giovanna nee’ Cascun, imwieled Siggiewi, nhar is-26 ta’ Lulju 1950 u residenti 2, ‘Hillcrest Lodge’, Triq Giorgio Locano, Iklin u detentur tal-karta tal-identita’ numru 701750(M) u Marco Borg ta’ 46 sena, iben Carmelo u Mary nee’ Muscat imwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Dicembru 1962 u residenti 248, ‘Arkis’ Triq il-Merill, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita’ numru 8763(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

1. Fit-13 ta’ Marzu, 2008 ghall-habta tas-2.30p.m f’ Ta’ Xwieki, Naxxar b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti involontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mark Vella skond kif iccertifikat Dr. F. Azzopardi M.D. Reg. No. 3030 u dan ai termini tal-Art. 225 u Art. 226 (1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Lil Hector Camilleri, Morris Capur, Martin Farrugia, Joseph Fenech u Nicholas Micallef wahdehom talli fil-kapacita’ taghhom ta’ diretturi ta’ Bitmac Ltd., liema kumpanija hija sitwata f’ Ta’ Xwieki, Naxxar, nhar it-13 ta’ Marzu, 2008 ghall-habta tas-2.30p.m. u fix-xhur ta’ qabel naqsu milli jharsu is-sahha u s-sigurta’ ta’ l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu effetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt

fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (1) (2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. Lil Hector Camilleri, Morris Capur, Martin Farrugia, Joseph Fenech u Nicholas Micallef wahedhom ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnesjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03.

4. Lil Hector Camilleri, Morris Capur, Martin Farrugia, Joseph Fenech u Nicholas Micallef wahedhom ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkustanzi bhala persuni li jhaddmu hames haddiema jew aktar, naqsu li jzommu fil-pussess taghhom kopja bil-miktub jew li jista' jinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini ta' l-artikolu 10 (2) ta' l-A.L. 36/03.

5. Lil Hector Camilleri, Morris Capur, Martin Farrugia, Joseph Fenech u Nicholas Micallef wahedhom ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkustanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu li jizguraw li jsir mill-inqas darba kull erbatax-il xahar ezami tal-forklifter minn persuni kompetenti u jibghatu kopja ta' dan ir-rapport lill-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigura' fuq il-Post tax-Xoghol u dan ai termini ta' l-artikolu 17 (2) ta' l-A.L. 52/86.

6. Lil Marco Borg wahdu talli fl-istess zminijiet, lok u cirkustanzi naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta' tieghu, kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu effetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt

fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragenevolment prattiku u dan ai termini ta' l-artikolu 7(1) ta' l-Att 27/2000 Kap. 424.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Awwissu 2009 (esebit *a folio* 21 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar, 2010 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fit-13 ta' Marzu 2008, ghall-habta tas-2.30pm f'Ta' Xwieki, Naxxar fejn topera s-socjeta' Bitmac Limited u fejn korra l-impjegat Mark Vella li sofra griehi ta' natura gravi skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku inserit a fol. 42 tal-atti processwali. Mill-provi rrizulta li l-impjegat Mark Vella kien qed jizboh xi hekk imsejha 'Bitumen Mattresses', liema mattresses huma maghmulin mit-tarmac u jidhru fir-ritratti inseriti a fol. 49 u 50 tal-atti processwali, huwa qam, tilef il-bilanc u spicca sabiex gie mirfus fuq l-ghaksa bir-rota ta' wara ta' forklifter misjuq mill-imputat Marco Borg. Mill-provi rrizulta li l-imputati kollha salv l-imsemmi Marco Borg, huma diretturi tas-socjeta' Bitmac Limited liema socjeta' timpjega kemm lil Mark Vella kif ukoll lil Marco Borg.

Ikkunsidrat:

Illi dwar id-dinamika tal-incident xehed Mark Vella f'zewg okkazzjonijiet, darba in ezami u darba in kontro-ezami [1], fejn huwa dejjem irribadixxa dak li kien qal originarjament meta kellmuh il-Pulizija immedjatament wara l-incident[2], u cioe' li dak li gara kien purament accidentali u li huwa ghalhekk ma riedx jipprocedi b'ebda forma ta' azzjoni fil-konfronti ta' terzi. Mark Vella fil-fatt spjega li dakinhar tal-incident huwa kien qed jizboh in-numri fuq il-bitumen mattresses u sabiex jaghmel dan ix-xoghol huwa kien gharkuptejh fuq l-istess mattresses. Huwa qal li meta kien wasal sabiex jizboh il-mattress ta' qabel tal-ahhar, qam bil-wieqfa u ghal xi raguni sbilancja ruhu u resaq lura sabiex saqajh nizlet minn fuq il-mattress li kien fuqha sabiex b'hekk il-forklifter misjuq minn Marco Borg li kien diga' ghadda minn hdejh rifislu l-ghaksa bir-rota ta' wara tal-lifter. Kuntrarju ghal dak li ssottometta ir-rapprezentant tal-Occupational Health and Safety, Charles Micallef, meta dan xehed f'dawn il-proceduri[3], li mar jinvestiga dan il-kaz l-ghada li sehh l-incident, il-forklifter ma kienx qed jaghmel xoghol konness mal-mattreses li kien qed jizboh l-imputat izda kien qed igorr xi hadid li kien hemm fuq naha ohra tal-yard.

Il-Qorti jidrilha li mill-provi jirrizulta pjuttost evidenti li l-incident de quo sehh b'mod ghal kollox accidentali u cioe' ghaliex Mark Vella qam bil-wieqfa ghall-gharrieda u tilef il-bilanc u li ma kien hemm ebda traskuragni, negligenza jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tal-imputat Marco Borg, u cioe' s-sewwieq tal-lifter. Mark Vella fil-fatt preciza li fil-mument li qam bil-wieqfa huwa ma avza lil hadd bl-intenzjoni tieghu u inoltre s-sewwieq tal-lifter kien diga' ghadda minn hdejh u ghalhekk ma setghax jarah iqum. Irid jigi puntwalizzat ukoll li minn imkien mix-xhieda ta' Mark Vella ma jirrizulta dak li sostna Charles Micallef u cioe' li l-forklifter kien irriversja u ghalhekk rifes fuq saqajn Vella. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li la l-ewwel u l-anqas is-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat Marco Borg ma jirrizultaw pruvati u isegwi ghalhekk li l-istess imputat ser jigi dikjarat mhux hati tal-istess imputazzjonijiet.

---

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda inseriti a fol. 101 sa 103 u a fol. 115 sa 121.
[2] Ara okkorrenza a fol. 43 u 44 tal-process.
[3] Huwa xehed waqt l-duejnza tat-23 ta' Frar 2010.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed issostni li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata fil-konfronti tal-imputati l-ohra, u cioe’ ta’ Hector Camilleri, Morris Captur, Martin Farrugia. Giuseppe Fenech u Nicola Micallef ghaliex dejjem skond il-Prosekuzzjoni mill-provi rrizulta li huma kisru r-regolamenti mposti fuqhom mill-ligi meta fil-kwalita’ taghhom ta’ diretturi tal-kumpanija li timpjega lil Mark Vella huma ma hadux hsieb li jithejja Risk Assessment Report bil-miktub kif obbligati li jaghmlu bil-ligi skond ir-Regolament 10(1) tal-Avviz Legali 36/2003 u l-anqas ma hadu hsieb li l-forklifter involut fl-incident jigi ezaminat u ccertifikar kull erbatax il-xahar kif jirrikjedi r-Regolament 12(2) tal-Avviz Legali 52.1986. Apparti dak li ser jinghad aktar il-quddiem dwar jekk effettivament jirrizultax pruvat li fil-fatt kien hemm ksur ta’ dawn ir-regolamenti da parti tal-imputati il-Qorti tixtieq tippuntwalizza li sabiex titqies li tirrizulta r-reita’ in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza il-Prosekuzzjoni trid mhux biss tipprova li kien hemm il-ksur tal-imsemmija regolamenti izda trid ukoll iggib il-prova li kien hemm ness bejn tali ksur tar-regolamenti u l-incident fejn korra Mark Vella. Fil-kaz in dizamina bl-ebda mod ma jista’ jinghad li gie pruvat li l-incident in dizamina sehh mnhabba li ma sarx Risk Asessment Reoprt jew minhabba xi problema teknika fil-forklifter. Kif diga’ gie ribadit fil-paragrafi precedenti mill-provi rrizulta li l-incident de quo fil-fatt sehh b’mod ghal kollox accidentali u cioe’ ghaliex il-persuna mwegga qam bil-wieqfa ghal-gharrieda u tilef il-bilanc u mhux ghaliex kien hemm xi forma ta’ culpa da parti ta’ terzi jew minhabba xi mankanza teknika jew xi nuqqas ta’ sigurta’ adegwata fuq il-post tax-xoghol jew fis-sistema ta’ xoghol adoperata jew ghaliex l-imwegga ma giex provdut bis-safety equipment necessarju. Isegwi ghalhekk li l-imputati Captur. Farrugia, Camilleri, Fenech u Micallef qatt ma jistghu jinstabu hatja tal-ewwel jew tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti sejra ghalhekk issa tghaddi sabiex tikkunsidra it-tielet u r-raba’ imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputati diretturi tas-socjeta’ Bitmac Limited fejn ai termini tar-Regolament 10(1) u tar-Regolament 10 (2) tal-Avviz Legali 36/2003 huma qed jigu akkuzati li naqsu milli jizguraw li ssir evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta’ li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji kollha li jistghu ikunu konnessi mal-attivita’ tax-xoghol u li bhala diretturi ta’ socjeta’ li timpjega aktar minn hames haddiema naqsu mili jizguraw li tali evalwazzjoni issir bil-miktub.

Ix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni Charles Micallef li nvestiga dan il-kaz ghan-nom tal-OHSA spjega li meta l-ghada tal-incident huwa kellem lill-imputat Hector Camilleri li huwa il-Manager tal-kumpanija u li huwa anki direttur tal-istess kumpanija dan ghalkemm qallu li kien ben konxju dwar l-obbligu tieghu skond il-ligi li jizgura li jsir Risk Assessment Report qallu li huma kienu hejjew speci ta’ rapport ghal skopijiet ta’ tender tal-Gvern u ghaddielu d-dokument esebit a fol. 51 u 52 tal-atti processwali. Min-naha l-ohra meta xehed l-imputat Hector Camilleri f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta’ Ottubru 2010 huwa spjega li meta beda’ jitkellem ma Micallef dan qatt ma nfurmah li l-iskop tal-konversazzjoni kienet fil-fatt investigazzjoni li setghat twassal sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfronti tieghu u li meta Micallef tkellem mieghu dwar Risk Assessment huwa fehem li dan ried l-ahhar Risk Assessment Report li kien sar u li kien ghalhekk li ghaddielu biss id-dokument inserit a fol, 51 u 52 u mhux id-dokument li kien qed jesebixxi u li huwa mmarket bhala Dok. HC1 u li jinsab inserit a fol. 135 sa 154 tal-atti processwali. L-imputat Hector Camilleri fil-fatt spjega li fis-sena 2005 il-Bord tad-Diretturi ta’ Bitmac Limited kienu ddecidew li jinkarigaw lil certu Charles Lia li kien wiehed mill-persuni indikati mill-OHSA bhala wiehed mill-persuni li ghandu il-kwalifiki necessarji fil-qasam tal-Health and Safety. L-imputat Camilleri spjega li wiehed mid-diretturi fuq il-Bord kien ukoll involut fis-socjeta’ Skanska, u cioe is-socjeta’ li kienet inkarigata mill-bini tal-Isptar Mater Dei, u kien huwa li rrakkomanda dan il-

bniedem sabiex ihejji l-imsemmi rapport peress li l-istess Lia kien ukoll hejja rappport simili ghall-Iskanska. Kemm l-imputat Camilleri kif ukoll l-imputat il-Perit Martin Farrugia, li huwa Chairman tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta’ Bitmac Limited, spjegaw li l-ghan ewlieni ghat-thejjija tar-rapport apparti milli sabiex jissodisfaw l-obbligi taghhom skond il-ligi, kien sabiex kemm jista’ jkun jevitaw li jwegghu il-haddiema taghhom fuq il-post tax-xoghol stante li l-haddiema kienu l-aktar haga prezjuza li kellhom ghaliex huma kienu jinvestu hafna fi training ghall-istess haddiema u ghalhekk kien kontro-producenti li huma ma jiehdux il-mizuri necessarji sabiex kemm jista’ jkun jevitaw li dawn ikorru. Kemm il-Perit Martin Farrugia kif ukoll Hector Camilleri spjegaw li qabel ma gie imhejji l-imsemmi rapport huma kienu ltaqghu ma Charles Lia u spjegawlu u wrewh x’kien jinvovlvi l-operat tal-kumpanija u qalu wkoll li wara li gie mhejji r-rapport huma regghu iltaqghu mieghu sabiex jizguraw li r-rakkomandazzjonijiet tieghu kienu qed jigu implimentati sew u kif suppost.

Il-Prosekuzzjoni fir-rigward ta’ dan ir-rapport esebit mid-Difiza qed issostni li l-imsemmi rapport fil-fatt m’huwiex Risk Assessment Report kif titlob il-ligi izda huwa biss Audit Report skond kif hemm indikat fl-ewwel faccata tal-istess rapport u li ghalhekk tali rapport ma jistghax jittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet tal-obbligu impost mill-ligi skond ir-Regolament 10(1) u (2) tal-Avviz Legali 36/2003.

Il-Qorti sejra ghalhekk tibda sabiex tezamina x’jipprovdu testwalment l-imsemmija Regolamenti li jaqraw hekk:-

*10***.** *(1) Ghandu jkun id-dmir ta’ kull min ihaddem u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u ta’ persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà ta’ persuni ohrajn,*

*inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza.*

*Izda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min ihaddem u persuna li tahdem ghal rasha ghandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xoghol imwettaq u fil-post tax-xoghol, u ghandhom jiehdu azzjoni xierqa.*

*(2) Fejn ikunu impjegati hames haddiema jew aktar, min ihaddem ghandu jzomm fil-pussess tieghu kopji bil-miktub jew li jistghu jinkisbu b'mod elettroniku ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u ghandu jizgura li jkunu aggornati regolarment.*

Il-Qorti fliet bir-reqqa r-rapport esebit mid-Difiza li jinsab inserit a fol. 135 et sequitur tal-process liema rapport fl-ewwel pagna jghid li huwa 'Health and Safety Preliminary Audit / Risk Assessment for Bitmac Limited'. F'pagna numru 4 tal-imsemmi rapport hemm indikat li l-ghan tar-rapport kien is-segwenti:-

*"To study, observe and gather evidence of health and safety short comings and report recommendations to management to minimize risk to Bitmac Limited employees and thirs parties and to identify any training needs within the workforce.*

*2.2 OBJECTIVES*

*The agreed objectives were:*

*1. Review the equipment presently used.*
*2. Identify any training needs whilst carrying out this review.*
*3. To identify any short comings in procedures and together with management, correct and implement corrections to adhere Local Laws and Regulations.*

*<u>SCOPE</u>*

*A number of sites were visited together with management representatives.*

*METHODOLOGY*

*The Audit began by interviewing the management representatives Mr Saviour Ellul to acquaint myself with the place.*

- *On each visit made to an area I was accompanied bu the said management representative.*
- *I was allowed to question any staff at these sites informally on the method of working.*
- *During the visits various discussions took place involving with the management representatives and operatives.*

*Following are findings from the discussions held and visit to the complex following recommendations to the management."*

Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li effettivament ir-Regolamenti 10(1) u (2) tal-AL36/03 ma jsemmux espressament il-kliem 'Risk Assessment Report' izda jindikaw li l-Employer huwa obbligat li jizgura li ssir evalwazzjoni xierqa sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita tax-xoghol. Fil-fehma tal-Qorti ir-rapport esebit mid-Difiza jissodisfa pjenament l-obbligi imposti fil-ligi ghaliex mill-istess rapport jirrizulta li l-persuna mqabbda mill-imputati sabiex ihejji r-rapport kellu l-kwalifiki necessarji sabiex ihejji tali rapport, jirrizulta wkoll li huma provdewlu l-informazzjoni u l-mezzi kollha necessarji sabiex huwa jkun f'posizzjoni ihejji tali rapport u jirrizulta wkoll li l-ghan ewlieni u principali ghat-thejjija tar-rapport kien li ssir evalwazzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xoghol u li jigu individwati tali riskji u jsiru rakkomandazzjonijiet sabiex tali riskji jigu eliminati. L-ghan tar-rapport ma jirrizultax biss mid-dicitura u mill-kontenut tal-istess rapport izda jirrizulta wkoll minn dak li xehdu l-imputati Farrugia u Camilleri dwar l-iskop li huma qabdu lil

Charles Lia sabiex ihejji tali rapport. Fil-fehma tal-Qorti l-imsemmi rapport jissodisfa r-rekwiziti kollha indikati fir-Regolamenti 10(1) u (2) tal-AL 36/2003 u ghalhekk ma jistghax jitqies li tirrizulta xi reita’ ghal finijiet tat-tielet u tar-raba’ imputazzjoni in kwantu jirrigwarda l-imputati diretturi tas-socjeta’ Bitmac Limited stante lli huma effettivament zguraw li tithejja l-evalwazzjoni bil-miktub indikata fl-imsemmija Regolamenti. Irid inoltre jigi puntwalizzat li fl-istess rapport, u precizamnet f’pagna 7, issir referenza specifika ghax-xoghol konness mal-Bitumen mattresses li fuqhom kien qed jahdem Mark Vella fil-mument li sehh l-incident de quo u jsiru wkoll rakkomandazzjonijiet specifici in konnessjoni ma din l-attivita’ ta’ xoghol.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputati diretturi ta’ Bitmac Limited jinsabu akkuzati li naqsu milli jizguraw li jsir ezami kulll erbatax-il xahar tal-forklifter li kien qed isuq Marco Borg meta sehh l-incident in dizamina. Il-Prosekuzzjoni tirritjeni li dan l-obbligu johrog mir-Regolament 17(2) tal-Avviz Legali 52/1986 izda jidher li fil-fatt il-Prosekuzzjoni riedet tirreferi ghar-Regolament 12(2) tal-istess Avviz Legali. Dan ir-Regolament fil-fatt jistabilixxi s-segwenti:-

*“12(2) Dawn il-bicciet u makkinarju kollha ghandhom jigu ezaminati minn persuna kompetenti mill-inqas darba kull zmien ta’ erbatax-il xahar u ghandu jinzamm registru li jitnizzlu fih il-partikolaritajiet stipulati ta’ kull ezami; u meta johrog mill-ezami li makna li ttellgha l-oggetti ma tistax tkompli tintuza minghajr periklu hlief jekk isirulha tiswijiet immedjati jew fi zmien stabbilit, min jaghmel ir-rapport ta’ l-ezami ghandu, fi zmien tmienja u ghoxrin jum minn meta jkun temm l-ezami, jibghat kopja tar-rapport lid-Direttur.”*

Dan ir-Regolament jiktellem dwar ‘magna li ttella l-oggetti’ (lifting machines fit-test bl-Ingliz) u fis-subinciz (9) tal-imsemmi Regolament wiehed isib definizzjoni ta’ ‘magna li ttella’ l-oggetti’ u cioe’

*“12(9) F’dan ir-regolament “makna li ttellgha l-oggetti” tfisser krejn, grabja, winc, gruwa, blokka tat-tarjola, rota tal-parank, trasportatur jew karsa tal-hadid mnejn jghaddi krejn.”*

Fil-verzjoni bl-Ingliz tal-imsemmi Regolament is-subinciz (9) jaqra’ hekk:-

*“12(9) In this regulation “lifting machine” means a crane, crab, winch, teagle, pulley block, gin wheel, transporter or runaway.”*

Id-Difiza gustament issottomettiet li la fid-definizzjoni bil-Malti u l-anqas fil-verzjoni bl-Ingliz ma jissemma ‘forklifter’ bhala wiehed mill-makni li jtellghu l-oggetti u l-Qorti ghalhekk taqbel li una volta li ‘forklifter’ m’huwiex inkluz f’tali definizzjoni l-obbligu impost permezz tar-Regolament 12(2) u cioe’ dak li jsir ezami kull erbatax-il xahar ma japplikax ghalih. Isegwi ghalhekk li l-imputati l-anqas ma jistghu jinstabu hatja tal-hames imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tiliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------